# Q O R T I Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 115 / 17RGM

Kawża fil-lista: 10

**A B**
**vs**
**C B;**
**L-Avukat Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo li permezz ta' digriet datat 12 ta' Gunju 2017 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri D E B;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet huma mizzewgin u f 'dan iz-zwieg twieled il-minuri D E B nhar it-tnax (12) ta' Gunju 2016, u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid.

2. Illi pero', l-attur wara li twieled il-mimrri D E, sar jaf li l-wild mhux il-wild naturali tieghu, minkejja, li l-konvenuta dejjem ipprezentat lill-istess minuri bhala iben l-attur.

3. Illi l-attur sar jaf li l-konvenuta martu kellha relazzjoni extra-Cli u dan kien pressapoco fiz-zmien li kien koncepit il-minuri.

4. Illi l-esponent u martu l-konvenuta kienu ilhom mizzewgin u qatt ma kellhom tfal, izda minn meta kellha din ir-relazzjoni, l-konvenuta martu nqabdet tqila.

5. Illi l-attur beda jissuspetta li l-minuti jista' jkun mhux il-wild naturali tieghu u ghalhekk, iddecieda li jaghmel DNA test informali, u minn dan irrizulta li 99.9999% l-minuri mhux tieghu.

6. Illi minhabba l-presunzjoni tal-patetnita' ai termini ta' l-artiklu 68 tal-Kodici Civili, l-attur tnizzel bhala missier il-minuri fuq l-att tat-twelid ta' l-istess minuri.

7. Illi l-attur ma jafx min hi l-persuna ma' min il-konvenuta ghandha jew kellha relazzjoni.

8. Illi ghalhekk, l-esponent kien kostrett li jipprezenta tali procedura u huwa jixtieq li l-att tat-twelid tal-minuri jkun jirrispekkja l-verita', mhux kif inhu fil-prezent.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: -

1. Tiddikjara li l-minuri D E B mhux il-wild naturali tieghu u li l-istess esponent mhux il-missier naturali tal-minuri D E B;

2. Tiddikjara li l-minuri D E B huwa l-wild ta' missier mhux maghruf;

3. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri D E B billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati kollha ta' l-esponent A B u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u/jew tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri D E, l-isem, u l-konnotati ta' A B kull fejn jirrikorru u minflok, fejn hemm "missier it-tarbija" jitnizzel "missier mhux maghruf".

Bl-ispejjez kontra l-intimata C B li hi minn issa ngunta in subizzjoni flimkien mal-intimati l-ohra.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors guramentat tar-rikorrenti nhar it-12 ta' Lulju, 2017 u in ottemperanza ma dak mitlub qieghda tintavola l-umli risposta taghha;

2. Illi l-esponenti tikkonferma d-dettaliji moghtija mir-rikorrent dan fir-rigward tad-data taz-zwieg; taghhom u d-data tat-twelid tal-minuri D E B;

3. Illi l-esponenti tikkonferma li kellha relazzjoni extra Cli u sussegwentament ghal din ir-relazzjoni jew ahjar inkontru qasir li l-esponenti kellha skopriet li kienet tqila;

4. Illi l-esponenti ma gietx notifikata bit-test tad-DNA izda ma teskludix li l-minuri D E B m'huwiex il-wild tar-rikorrenti;

5. Illi l-esponenti mhiex f'posizzjoni li taghti d-dettalji tal-prezunt missier tal-minuri D E B stante li r-relazzjoni li hi kellha ma' missier il-minuri tant kienet qasira li m'ghandha ebda dettalji dwar din il-persuna u/jew fejn tista' tintracca;

6. Illi l-esponenti ma ssib ebda oggezzjoni li ssir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri D E B b'dan illi f'dik il-parti fejn hemm indikat l-isem 'A B' bhala missier il-minuri tigi mibdula ghal "missier mhux maghruf" kif ukoll ma toggezzjonax ghat-tibdil kollu indikat mir-rikorrenti;

7. Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi prelimarjament l-esponenti teccepixxi illi l-attur ma ddikjarax taht liema artikolu tal-ligi qed issejjes din il-kawza istanti. u ghaldaqstant ikun ta' beneficcju ghall-esponenti illi l-attur jaghmel dan sabiex tkun tista' twiegeb ghal dan ir-rikors guramentat b'iktar konkretezza;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tistqarr li mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

3. Illi stante din il-kawza si tratta proprju denegata paternita', l-attur jehtieglu primariament jipprova u jissodisfa minn talanqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, mill-premessa numru 5 tar-rikors guramentat jidher illi sar test genetiku fejn irrizulta illi l-minuri ma huwiex iben l-attur. Minkejja dan, tali test ma giex ipprezentat mar-rikors guramentat u

ghaldaqstant l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun ta' beneficcju illi tali rapport ikun pprezentat u mahluf mit-tekniku li wettaq l-istess test;

5. Illi f'kaz li s-suespost ma jsirx jew minhabba ragunijiet ohra fejn tali test ma jkunx jista' jigi pprezentat, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici hekk kif inhu provdut fl-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u f'tali cirkostanza- l-esponenti stante li ma ghandhiex x'taqsam mal-mertu tal-kawza istanti hija tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji;

6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, l-attur irid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinciment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri D E B, ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri D E B a tenur tal-Artikolu 92 sub-inciz 6 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi subordinatament, deijem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kancellati mill-Atti tat-Twelid ta' D E B;

9. Illi finalment, l-esponent dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u ghaldaqstant d-Dipartiment tar-Registru Pubbliku ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat l-avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Gunju 2017 ghall-finijiet tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet moghti waqt l-udjenza tal-14 ta' Novembru 2017 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-attur tal-25 ta' Ottubru 2017 ghall-finijiet tal-Artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta ghar-rikors promotur ipprezentata mill-kuraturi deputati fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2018, li permezz taghha eccipew li m'humiex edotti mill-fatti

tal-kawza izda jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri, salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun l-kaz;

Rat illi l-kuraturi deputati ma pprezentaw l-ebda Risposta guramenta ulterjuri ghat-talbiet attrici;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Frar 2018 fejn innominat lil Dr. Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA mehtiega f'dan il-kaz;

Rat ir-rapport u l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar ipprezentati fis-16 ta' April 2018;

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenuta C B fl-udjenza tas-26 ta' April 2018;

Rat il-provi u dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

**<u>Provi</u>**

L-attur xehed permezz ta' Affidavit (Dok. RE1) ipprezentat fil-25 ta' Settembru 2017. Qal li huwa zzewweg lill-konvenuta C B fl-14 ta' Gunju 2008 u ghalkemm ghamlu l-ewwel ftit snin taz-zwieg jippruvaw ghat-tfal, skont l-attur martu ma setghetx tinqabad tqila. Jispjega illi madwar tliet snin ilu, martu bdiet tohrog ma' shabha filghaxija u kienet tigi lura d-dar fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu u ftit wara l-konvenuta harget tqila.

Waqt it-tqala xi hadd tal-familja tieghu qaltlu biex joqghod attent ghaliex it-tarbija tista' ma tkunx tieghu peress li din il-persuna kienet rat lill-konvenuta ma' ragel iehor. L-attur ikompli jispjega kif sadanittant twieldet it-tarbija, li semmewh D E, u hu ferah bit-tifel daqslikieku kien tieghu ghaliex ma kienx jaf il-verita`. Jghid li huwa rabba lit-tarbija bhala ibnu u sar ihobbu hafna izda peress li d-dubju dejjem baqa' jdur go mohhu u ma setax joqghod bi kwietu, iddecieda li jaghmel *paternity testing* bl-ghajnuna ta' certu Christopher, ad insaputa ta' martu. L-attur jispjega li s-samples tieghu u tat-tarbija ntbaghtu l-Amerika biex jigu ttestjati, u meta waslu r-rizultati, huwa gie mgharraf li t-tifel ma jistax ikun tieghu ghaliex ma hemm xejn x'jaqbel fir-rizultati. Id-DNA Test Report jinsab esebit bhala Dok. RE01 a fol. 45.

L-attur jghid li din l-ahbar hadha bi kbira hafna u meta kkonfronta lill-konvenuta, hija ma cahditx li kienet infidili lejh u ammettiet li kellha relazzjonijiet estraCli ma' ragel jew irgiel ohrajn. Spjega illi wara li kkonfronta lil martu dwar l-infedelta` taghha, huwa telaq mid-dar matrimonjali u mar joqghod ghand il-genituri tieghu u minn dakinhar qata' ghal kollox minn maghha u ftit li xejn hemm kuntatt bejniethom.

Il-konvenuta C B, ghalkemm ma xehditx f'din il-kawza, ikkonfermat bil-gurament fir-Risposta taghha ghar-rikors promotur illi kellha relazzjoni estraCli u li minn din ir-relazzjoni hija harget tqila, izda m'hijiex f'pozizzjoni li taghti d-dettalji tal-presunt missier ghaliex ir-relazzjoni tant kienet qasira li ma ghandha ebda dettalji dwar din il-persuna. Il-konvenuta iddikjarat ukoll li ma ssibx oggezzjoni li fl-att tat-twelid tal-minuri jigu kancellati l-konnotati tal-attur u l-isem tal-misser il-minuri jigi mibdul ghal "missier hux maghruf".

**<u>Ligi</u>**

In tema legali ghandu jinghad illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malt**a li jipprovdi kif gej:-

*(1) Ir-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ* -

- *Omissis* -

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità.*

Ikkunsidrat;

Il-kawza odjerna hija kawza ta' denegata paternita` fejn il-konjugi tal-omm jipprocedi gudizzjarjament kontra martu halli jigi dikjarat li ma hux il-missier bijologiku tal-wild ta' martu imwieled fiz-zwieg.

Mill-atti jirrizulta illi l-minuri D Donovan B twieled waqt iz-zwieg bejn l-attur u l-konvenuta C B, fit-12 ta' Gunju 2016[1].

Jirrizulta wkoll li l-konvenuta ma kkontestatx ir-rizultati tat-testijiet genetici[2] li ghamel l-attur ad insaputa taghha ftit taz-zmien wara li twieled il-minuri, u effettivament ikkonfermat is-suspett ta' zewgha li hija kienet ikkommettiet

[1] Att tat-twelid a fol. 5.
[2] Fol. 45 – rizultat tat-test datat 4 ta' April 2017.

adulterju. Izda billi dawn it-testijiet xjentifici saru barra minn Malta u r-rizultati ma setghux jigu konfermati bil-gurament tal-persuna li ghamlet it-testijiet, il-Qorti nnominat lil Dr. Marisa Cassar[3] biex tikkonduci hija stess it-testijiet genetici dwar il-paternita` tal-minuri. Dawn it-testijiet saru u permezz ta' affidavit u rapport ipprezentati mill-istess Dr. Marisa Cassar, gie konfermat li l-attur mhux il-misser naturali ta' D Donovan B imwieled fit-12 ta' Gunju 2016.

Dwar ir-raba' eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tqis li permezz tal-prova bil-mezz tat-test tad-DNA, dak rikjest mill-Artikolu 70(1)(d) tal-Kap. 16, fuq citat, gie sodisfacentement ippruvat.

Dwar is-sitt eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, jirrizulta illi appena gie stabbilit xjentifikament illi l-attur ma hux il-missier tal-minuri D Donovan B, huwa ma baqax jikkonsidrah bhala ibnu tant illi telaq immedjatament mid-dar matrimonjali u qata' prattikament kull kuntatt li kellu ma' martu l-konvenuta u kif ukoll mal-minuri Ghalhekk, ghall-finijiet tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16, jirrizulta li l-minuri ma ghadx ghandu pussess ta' stat legittimu, u din ir-realta` tar-rapport tal-filjazzjoni ma taqbilx ma' dak dikjarat fl-att tat-twelid.

Dwar is-seba' eccezzjoni tal-istess Direttur, il-Qorti tosserva illi waqt l-udjenza tas-26 ta' April 2018 il-konvenuta C B talbet illi fl-eventwalita` li t-talbiet attrici jigu akkolti, kunjom il-minuri jsir Fenech, u dan peress illi iktar tard dakinhar il-partijiet kienu ser jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fejn effettivament l-istess konvenuta kellha tirreverti ghal kunjomha xbubitha.

Ghalkemm baqa' ma gie esebit l-ebda kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-kunjom assunt mill-konvenuta in segwitu ghas-separazzjoni personali, il-Qorti wara li rat li l-attur ma oggezzjonax ghal din it-talba u wara li rat ukoll li jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-minuri esebit a fol. 5 li kunjom xebba l-konvenuta kunjomha huwa proprju Fenech, tiddikjara li l-minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom "Fenech".

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti bil-mod kif hawn deciz,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-minuri D Donovan B mhuwiex il-wild naturali tal-attur, u li l-attur mhuwex il-missier naturali tal-istess minuri;

[3] Digriet tat-8 ta' Frar 2018.

2. Tilqa’ t-tieni u t-tielet talba attrici.

3. Tordna li mill-att tat-twelid tal-minuri jigu kancellati l-kliem “the said”, u tordna illi l-minuri jkun maghruf minflok bil-kunjom “Fenech”.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-perizja maghmula minn Dr. Marisa Cassar, kontra l-konvenuta C B.

**Imhallef** **Deputat Registratur**